FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
MAGISTRAT DR JACQUELINE PADOVANI LL.D. LL.M. (IMLI)
SEDUTA TA' NHAR L-ERBGHA 24 TA' LULJU 2002

PULIZIJA
SPETTUR SILVIO VALLETTA
VS
JOSEPH LEBRUN

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Joseph Lebrun ta' 42 sena iben Charles u Doris xebba Muscat imwieled Msida nhar id-9 ta' Mejju 1958 u residenti 13, Sorrento house, Triq Baldu Salanzi, Fgura, detentur tal-karta tal-identita numru 368258M talli nhar it-23 ta' Mejju 2002, ghal habta ta' 5 ta' filghodu gewwa Marsaxlokk ikkommetta serq ta' karru ta' dghajsa minn Triq il-Kavallerizza, liema serq huwa kkwalifikat, valur li jeccedi l-Lm100 xorta tal-haga misruqa u hin u li sar ghad-detriment ta' Caruana Anthony.

Talli fil-perjodu ta' bejn 28 ta' Mejju 2002 u 23 ta' Mejju 2002, hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara tammonta ghal aktar minn hames mitt lira maltin u li sar ghad-detriment ta' Anthony Caruana.

Talli fit-28 ta' Mejju 2002 u granet qabel f'Malta, xjentement laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kul mod li jkun, indahal biex ibeghhom jew imexxihom.

Talli f'dawn il-gzejjer, fl-istess data u cirkostanzi, irrenda ruhu ricediv ai termini tal-artikolu 49 u 50 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li kien

instab hati b'sentenza moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenza saret definnittiva.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat il-verbal tal-24 ta' Lulju 2002 fejn l-imputat ammetta ghall-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Illi fuq l-istess ammissjoni tieghu il-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuza u wara li rat Art 261, 267, 271, 270, 325, 334, 49, 50 u 28a tal-kap 9 tikkundannah ghall-tlettax il-xahar prigunerija sospizi ghal sentejn.

MAGISTRAT

MARICA CARUANA
DEP.REG.